MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Kriminali Numru. 500/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Caruana)**
**Vs**

**Christopher Agius**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Christopher Agius u omissis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-
(a) fil-Blata l-Bajda, limiti tal-Hamrun, fis-16 t'Ottubru 2002, ghal habta tal-hdax ta' filghodu, ikkommettew serq ta' basket bil-hwejjeg u make-up mill-vettura ta' l-ghamla Peugeot 306, bin-numru tar-registrazzjoni BAT 454, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin (Lm1000), u bix-xorta tal-haga misruqa,

w li sehh ghad-dannu ta' Jacqueline Bajada mill-Fgura;
(b) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Jacqueline Bajada, skond kif iccertifikat minn Dr I. Cassar MD, tac-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid;
(c) talli fis-16 t'Ottubru w matul jiem ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghhuhom jew imexxuhom;
(d) fl-ahhar nett, lil Christopher Agius wahdu, akkuzat talli kiser il- provedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 20 ta' Gunju 2002, li biha kien gie misjub hati ta' reati w liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il (18) xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta' Dicembru, 2007, li biha, fuq ammissjoni taghhom stess, sabet lill-appellat Christopher Agius hati ta' l-ewwel, it-tieni w ir-raba' akkuza, w mhux hati tat-tielet akkuza, li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, li minnha lliberatu, waqt li sabet lil Anton Agius hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza w mhux hati tat-tielet akkuza stante li hija alternattiva ghall-ewwel akkuza li minnha lliberatu, w wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(g), 263, 264, 267, 271, 274, 276, 277, 49 u 50, 21, 28A u 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 7(5)(a)(b)(d u 21 tal-Kap. 446, ikkundannathom ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tliet snin.
In oltre qeghdithom taht "supervision suspended order" taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat, u dan ghal perjodu ta' tliet snin.
In oltre qeghdithom taht "treatment order" sabiex jibdew u jikkompletaw program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga, f'wahda mill-istituzzjonijiet assocjati mas-Sedqa.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 ta’ Dicembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn Christopher Agius u Anton Agius instabu hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom, kif ukoll il-parti koncernanti l-piena fil-konfront ta’ Anton Agius filwaqt illi thassar is-sentenza moghtija fil-konfront ta’ Christopher Agius limitatament ghall-parti koncernanti l-piena, w minflok teroga kontra tieghu l-piena skond il-ligi ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat Christopher Agius esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe’ illi fir-rigward ta' Christopher Agius (biss) dan kien inghata ordni ta' probation permezz ta' sentenza ohra datata 20 ta' Gunju, 2002 ghall-periodu ta' tmintax il-xahar ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap.152 li llum gie sostitwit mill-artikolu 7 tal-Kap 446. Ir-reat in dizamina sehhew fis-6 t' Ottubru, 2002 u kwindi erba (4) xhur wara li l-appellat inghata l-probation. L-Ewwel Qorti difatti proprju sabet lill-appellat hati tar-raba imputazzjoni [recte: addebitu] li tittratta l-ksur tal-probation u kwindi ma setghet qatt taghti ordni ta' sentenza sospiza fil-konfront ta' dan l-appellat ai termini tal-artikolu 28A (7) ( c ) tal-Kodici Kriminali.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-appellant.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-artikolu 28A (7) (c) jiddisponi li :-

“Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta’ din il-Qorti) f’ xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-

**(c) meta r-reat ikun sar fil-periodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-Probation."**

Illi ma hemmx kwistjoni li f'dan il-kaz l-appellat kien gie akkuzat ukoll bil-ksur tal-kondizzjonijiet ta' sentenza fejn hu kien gie liberat b' kondizzjoni, ammetta l-akkuzi kollha w fil-fatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata sabitu hati tar-raba imputazzjoni [recte: addebitu] li kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta , ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) , datata 20 ta' Gunju, 2002 , li biha kien gie misjub hati ta' reati w liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar.

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza f'dan il-kaz u kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati li l-appellat kien ammetta l-htija taghhom w li kien instab hati taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi.

Illi kuntrarjament ghal dak li gie sottomess fin-nota tal-appellat, din il-Qorti ma hix libera li tapplika xi provvediment iehor ghajr dak ta' kundanna ta' prigunerija ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Jonathan Joseph Briffa"** [16.10.2003] :-

*"Illi galadarba ma gie intavolat ebda appell mill-appellat innifsu kontra l-kundanna ghall-piena karcerarja (sia pure sospiza), din il-piena karcerarja ghaddiet in gudikat ukoll u l-unika kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti hi jekk tali piena karcerarja ghandix tkun effettiva w esegwibbli minnufieh jew tibqa' sospiza. F'dan is-sens hija limitata it-talba fl-appell tal-Avukat Generali w ghalhekk din il-Qorti hija prekluza milli tikkontempla xi forma ta' piena jew provvediment alternattiv ghax dan ikun jezorbita ghal kollox mill-mertu ta' dan l-appell. Kien ikun differenti kieku l-appellat ukoll kien appella mill-piena w talab li tigi nflitta xi piena jew provvediment iehor ghax b'hekk kienet tkun aperta l-kwistjoni dwar x' ghandha tkun l-ahjar piena jew l-*

*ahjar provvediment fic-cirkostanzi. Dan pero' mhux il-kaz u ghalhekk idejn il-Qorti huma marbuta bit-termini li fih gie impost l-appell odjern."*

Hu proprju ghalhekk li l-Qrati tal-Magistrati w l-Avukati Difensuri ghandhom izommu quddiem ghajnehom din il-possibbilita'; tal-ewwel billi fl-issentenzjar jimxu skond il-ligi w tat-tieni billi ma jitolbux provvedimenti li suppost ikunu jafu li legalment ma jkunux applikabbli ghall-kaz. Inkella jigi li l-akkuzat jaqa' "*between two stools"* u peress li jkollu mohhu mistrieh li l-kawza spiccat b' ezitu favorevoli ghalih, isib ruhu mbaghad rinfaccat b' appell tal-prosekuzzjoni li jkun irribattibbli, kif inhu f' dal-kaz.

Ghalkemm ma jbiddel xejn minn dawn il-konsiderazzjonijiet ta’ natura prettament legali, tajjeb li jigi ossservat li l-fedina penali tal-appellat ma tindikax li l-Ewwel Qorti kien imissha addottat xi provvediment ta’ probation, specjalment meta wiehed iqis li apparti diversi reati konnessi mas-sewqan, l-appellat gja kien instab hati ta’ diversi serqiet aggravati, w liberat b’kondizzjoni darbtejn, kif ukoll li nstab hati li ha gurament falz quddiem il-Qorti Kriminali w gie kkundannat ghal sitt xhur prigunerija sospiza ghall-sena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu din tikkoncerna **biss lill-appellat Christopher Agius**, billi tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat Christopher Agius ghall-sentejn prigunerija sospizi ghal tlitt snin u fejn poggietu taht "*supervision suspended order"* taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer minnu nominat u dan ukoll ghall-periodu ta' tlitt snin u fejn qeghdet lill-appellat taht *'treatment order'* sabiex jibda w jikkompleta programm ta' riabilitazzjoni kontra d-droga, f' wahda mill-istituzzjonijiet assocjati mas-sedqa w minnflok tikkundannah ghal sentejn prigunerija effettivi. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

In oltre din il-Qorti tordna li l-appellat jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali biex din tittratta mieghu talli kiser il-

kondizzjonijiet ta’ sentenza ta’ liberazzjoni kondizzjonata li hu kien inghata fl-20 ta’ Gunju, 2002.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------